



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2075(DEC)**

8.12.2014

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi  
(2014/2075(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2013, iżda li s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll eżaminati huma parzjalment effikaċi fl-iżgurar tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom ibbażati l-kontijiet; jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-gruppi ta' politika kollha li jkopru n-nefqa operazzjonali huma milquta minn livell għoli ta' żbalji, bir-rata ta' żbalji stmata għall-pagamenti kontabilizzati bħala waħda li, fl-2013, żdiedet minn 4.8 % għal 4.7 %;
2. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-pagamenti għar-riċerka u politiki interni oħra kienu milquta minn livell għoli ta' żbalji; jixtieq li r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri jipprovdi tagħrif dettaljat dwar in-nefqa għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;
3. huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kkalkulati mill-Qorti tal-Awdituri fl-aħħar tal-2013 kienet inqas minn 2 % għall-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni;
4. Jilqa' r-rakkomandazzjoni Nru.2 tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-Kummissjoni trid tiżgura li l-attivitajiet ta' kontroll tagħha jkunu aktar ibbażati fuq analiżi tar-riskji, li jiffukaw il-kontrolli tagħha fuq il-benefiċjarji ta' riskju għoli (per eżempju, l-entitajiet inqas imdorrija għall-iffinanzjar Ewropew) u li jnaqqsu l-piż tal-kontrolli li jaqa' fuq daww li għalihom ir-riskji huma inqas;
5. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport speċjali Nru.3/2014 tal-Qorti tal-Awdituri, intitolat "Tagħlimiet mill-iżvilupp imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)" li fih il-Qorti tal-Awdituri eżaminat ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tforni s-SIS II b'aktar minn sitt snin ta' dewmien fir-rigward tal-iskadenza oriġinali, u għal kost ferm ogħla mill-istimi inizjali;
6. Jinsab sodisfatt li l-Fond għall-Fruntieri Esterni kkontribwixxa favur is-solidarjetà finanzjarja; Madankollu jiddeplora li l-valur miżjud Ewropew kien limitat u li r-riżultat kumplessiv ma setax jitkejjel minħabba dgħufijiet fil-monitoraġġ min-naħa tal-Awtoritajiet Responsabbli u nuqqasijiet serji fl-evalwazzjonijiet ex post tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.